**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta’ Marzu, 2017

Rikors Nru : 18/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-29 ta’ Lulju 1999 u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

2. Illi fit-22 ta’ Mejju 2003 il-partijiet dehru fuq kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom ‘il fuq minn erba’ (4) snin jgħixu separatament minn xulxin;

4. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom;

5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet għall-partijiet stess skond il-kuntratt ta’ separazzjoni u għalhekk ma hemm ebda arretrati;

6. Illi għalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Liġi sabiex jingħata d-divorzju;

7. Illi l-esponenti jixtieq jiddivorzja u li ż-żwieġ tiegħu mal-intimata jiġi maħlul;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz tagħha qed tinforma lil din il-Qorti li ma għandhiex oġġezzjoni għat-talba rikorrenti u tiddikjara li ma hemmx manteniment dovut u ma hemmx lok ghal rikonċiljazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Mejju 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.